# KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt


## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Minuti

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura

**Laqgħa Numru 82/2024**

Data: l-Erbgħa 17 ta' April, 2024

Ħin: 18:00hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sur Pierre Dalli | Sindku |
| | Sur Clayton Portelli Cascun | Viċi Sindku |
| | Sur Mark Lombardo | Kunsillier |
| | Sur Ray Deguara | Kunsillier |
| | Sur Charles Bonello | Kunsillier |
| | Dott Ryan Ellul | Kunsillier |
| Skużat/i : | Sur Mario Fava | Kunsillier |
| | Sna Toshera Schembri | Kunsilliera |
| Assenti : | Sur Adrian Tanti | Kunsillier |
| | Gwenith Calleja | Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

**82.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA**

**82.2 MINUTI**

**82.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI**

**82.4 PURCHASE REQUEST FORMS**

82.5 ĦLASIJIET

82.6 FINANZI

82.7 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

82.8 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

82.9 IL-FESTA

82.10 KORRISPONDENZA

82.11 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

82.12 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

82.13 TRAFFIC MANAGEMENT

82.14 STAFF

82.15 MOZZJONIJIET

82.16 PLANNING AUTHORITY

82.17 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

82.18 MISTOQSIJIET

82.19 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa tal-Kunsill bdiet fis-18:25 bis-Sindku jrodd is-salib u rringrazzja lil min kien involut fl-attivitajiet li ttellgħu matul ix-xahar li għadda.

## 82.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

**82.1.1** Kien kemm żewġt talbiet ta' apologija mingħand il-Kuns M Fava minħabba li ser ikun imsiefer fuq xogħol u l-Kuns T Schembri minħabba mpenji ta' xogħol. Il-kamra approvat dawn it-talbiet.

## 82.2 MINUTI

**82.2.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6742/24/8** 'Sabiex jigu approvati l-minuti tal-laqgħa 81/2024 bid-data ta' 18 ta' Marzu 2024.'(Anness)

Din kienet sekondata mill-Kuns Ray Deguara

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 82.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

**82.3.1**. Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 82.4 PURCHASE REQUEST FORMS

**82.4.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6743/24/8** 'Sabiex jigu approvati PRFPO ghal-laqgha tal-Kunsill t' April 2024 kif inhu anness'.

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 82.5 ĦLASIJIET

**82.5.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6744/24/8** 'Sabiex jigu approvati lista tal-hlasijiet minn 18/03/2024 sa 10/04/2024 kif inhu anness'.

Din kienet sekondata mill-Kuns Ray Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 82.6 FINANZI

**82.6.1**. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 6745/24/8 'Sabiex dan il-Kunsill japplika mal-Bank of Valletta (BOV) biex tigi installata s-sistema ta' hlasijiet permezz ta' *credit cards* b'epos machine u ATM card ghal uzu ta' hlasijiet mill-entatajiet.'

Din kienet sekondata mill-Kuns Ray Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

## 82.7 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

**82.7.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6746/24/8** 'Referenza ghall-mozzjoni 6684/24/8 dan il-Kunsill ser ikun qed japplika sabiex issir Triq Zabbar u parti minn Triq Hompesch.'

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 82.8 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

**82.8.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward

## 82.9 IL-FESTA

**82.9.1** Is-Sindku stieden lil Kuns M Lombardo sabiex jippreżenta l-pakkett tal-festa. Il-Kuns M Lombardo qal li hemm diversi mozzjonijiet simili għas-snin li għaddew. Is-Sindku qed jikkjarifika li bħalma kien diskuss is-sena l-oħra li l-pakkett li nħareġ is-sena l-oħra tal-festa se jerga' jintuża għal din is-sena.

**82.9.2** Il-Kuns M Lombardo beda billi ressaq mozzjoni ref: **6747/24/8** 'Sabiex jingħata servizz ta' warden għal spiża ta' mhux aktar minn €3,000 in konnessjoni mal-armar u z-żarmar tat-toroq fil-granet tal-festa, skond l-iskeda annessa.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**82.9.3** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6748/24/8** 'sabiex jingħataw dawn is-servizzi fil-granet tal-festa: 1. Kiri ta' 2 cherry pickers 2. servizz ta' fire engine 3. kiri ta' crane għal spiża globali ta' mhux aktar minn €3,000.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**82.9.4** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6749/24/8** 'Sabiex jinkrew mobile toilets f'dawn id-dati: 28 u 29 ta' Ġunju fi Triq Nazzareno Farrugia, 6 ta' Lulju fi Triq Hompesch, mis-7 sal-14 ta' Lulju fi Triq Nazzareno Farrugia, mill-11 sad-14 ta' Lulju Triq Hompesch u fl-14 ta' Lulju Wesgħa Reggie Miller.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**82.9.5** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6750/24/8** 'Sabiex tiġi organizzata l-attivita' annwali ta' qabel il-Festa bil-kollaborazzjoni mal-Għaqda Mużikali u Soċjali Madonna tal-Karmnu Fgura nhar it-28 u d-29 ta' Ġunju 2024, għall-ispiża ta' mhux iżjed minn €4,000.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**82.9.6** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6751/24/8** 'Sabiex tigi organizzata Fgurafest bil-kollaborazzjoni mal-kummissjoni Festa Esterna nhar is-6 ta' Lulju 2024, ghal spiza ta' mhux izjed minn €4,000.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**82.9.7** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6752/24/8** 'Sabiex il-lattrina pubblika fi Gnien Patri Redent Gauci tinzamm miftuha sa nofs il-lejl fil-gimgha tal-festa bejn l-10 u l-14 ta' Lulju.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**82.9.8** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6753/24/8** 'Sabiex jitqieghed bukkett fjuri quddiem l-istatwa titulari tal-Madonna tal-Karmnu f-isem il-Kunsill Lokali ghal spiza ta' mhux iktar minn 120 Euro.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**82.9.9** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6754/24/8** 'Sabiex isir reklam fil-ktieb tal-Festa mahrug mill-Ghaqda Muzikali u Socjali Madonna tal-Karmnu, allokazzjoni ta' mhux aktar minn 300 euro.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**82.9.10** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6755/24/8** 'Sabiex jsir reklam fil-ktieb tal-Festa mahrug mill-Kummissjoni Festa Esterna, allokazzjoni ta' mhux aktar minn 300 ewro.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**82.9.11** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6756/24/8** 'Sabiex il-Kunsill jaghmel il-'follow spot' ta' fuq il-vara waqt il-purcissjoni relatata mal-Festa Titulari ghall-prezz ta' mhux izjed minn €250.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**82.9.12** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6757/24/8** 'Sabiex minbarra n-'No Parking' Permits, li jsiru fl-attivitajiet tal-Kummissjoni Festa Esterna nhar is-6 ta' Lulju fi Triq Hompesch, l-attivita tal-Ghaqda Muzikali u Socjali Madonna tal-Karmnu, nhar it-28 u d-29 ta' Gunju (Triq Nazzareno Farrugia), it-toroq ewlenin (Triq Hompesch, Triq Karmelitani u Wesgha Kunsill tal-Ewropa) fil-granet tal-Festa bejn it-8 u l-14 ta' Lulju, u r-rotta tal-purcissjoni nhar l-14 ta' Lulju (Triq Zabbar, Triq San Pietru, Triq MBC, Triq il-Kitba, Triq il-Karmnu, Triq l-Iskola, Triq Sant'Antnin u Triq Hompesch), ikun hemm ukoll 'No Parking' permits f'dawn it-toroq skond l-iskeda annessa.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**82.9.13** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6757/24/8** 'Sabiex isir riceviment fl-okkazjoni tal-festa fl-ahhar gimgha ta' Gunju allokazzjoni ta' mhux aktar minn €3,000.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 82.10 KORRISPONDENZA

**82.10.1** Is-Sindku informa l-kamra bl-korrispondenza minghand is-Sur C Thake fejn jghid li s-Sur Henry Camilleri li kien Champion tac-chess gie nieqes u ghalhekk is-Sinku jixtieq iressaq fuq il-mejda tal-Kunsill il-fatt li sabih li dan jinghata rikonoxximent li jixraqlu ghall-gieh li ghamel lill-lokalita` tal-Fgura.

**82.10.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6759/24/8** 'Sabiex dan il-Kunsill jilqgha t-talba ta' 20 siegha ta' xoghol volontarju li giet mitlub minn Jacques Vella li qed fi stadju ta' Degree tieghu, ghal clean up f'Wied Blandun.Dan ghandu jigi mitlub koppja tad-Degree wara li jlesti l-kors.'

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**82.10.3** Is-Sindku informa l-kamra li l-Kunsill irċieva talba għal permess mingħand Silvano Pace, Zii Asian Flavours To Go biex fi żmien il-festa jarma l-imwejjed barra l-istabbiliment tiegħu. Il-Kunsill qabel li għandu jiġi mgħarraf il-Każin tal-Banda b'din il-proposta.

**82.10.4** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6760/24/8** 'Sabiex dan il-Kunsill jassisti lic-Centru Taz-Zghazagh Fgura ghall-Billiard and Tennis Tournaments ghas-somma ta' mhux aktar minn €400.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**82.10.5** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6761/24/8** 'Sabiex dan il-Kunsill jikkolabora mat-talba ta' Fgura United FC ghal Penalty shooting u Puttinu Cares Marathon ghal-spiza ta' mhux aktar minn €2596 Vat inkluz.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**82.10.6** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6762/24/8** 'Sabiex isir manutenzjoni tal-arblu il-gdid qabel jittella' f'postu, allokazzjoni ta' mhux aktar minn €400, eskluz il-materjal.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**82.10.7** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6763/24/8** 'Sabiex issir bandiera gdida ta' Malta, allokazzjoni ta' mhux aktar minn €500.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**82.10.8** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6764/24/8** 'Sabiex isir tqassim ta' Xemghat bil-kulur u tnehhija ta' Xemghat mohlija minghand Kummissjoni Festa Esterna ghall-ispiza ta' mhux aktar minn €400.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

## 82.11 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

**82.11.1** Is-Sindku informa l-kamra li, rigward il-pannelli li se jsiru fuq il-bejt tal-Kunsill sabiex tissolva l-problema tal-ispejjez tad-dawl. Fl-ahhar laqgha mall-GO informazzjoni kif bejn wiehed u iehor se jsiru l-pannelli u kif se jiġi mqassam kollox u gew bi tliet ghazliet.

1. Tista' tinxtara.
2. Tista' tinkera u tinghata somma ta' flus lill-Kunsill.
3. Revenue share. L-ispiza hija ta' €5.05 per kilowatts ekwivalenti ghal €3,000 fis-sena. Din tkun ghal €150,000 ghal ghoxrin sena, jiġifieri l-Kunsill se jiggwadanja €52,000 ghal ghoxrin sena u 40% dhul. Il-Kunsill ma jkollu x'jaqsam xejn ma' spejjez u maintenance.

Il-Kuns C Bonello qal li proposta bhal din ghandha tmur ghand l-Accountant tal-Kunsill. Is-Sindku żied jghid li l-agreement irid imur ghand l-Avukat qabel jigi ffirmat. Il-Kuns Dott R Ellul qal li qabel ma jsir il-ftehim, l-Accountant ghandu jaghti lill-Kunsill il-valuri eżatt tal-flus ghax maz-zmien il-pannelli jaghtu inqas. Is-Sindku wieġeb li le, f'dan il-kas il-Kunsill se jiffirma kuntratt ibbażat fuq 40Kwp. Il-Kuns Dott R Ellul qal li maz-zmien il-pannelli se jassorbu inqas allura se jipproduċu inqas. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill se jinghata l-flus. Il-Kuns C Bonello qal li l-Kunsill mhu se jinvesti xejn u se jdahhal €58,000 fi żmien ghoxrin sena u allura jahseb li iktar jaqbel li l-Kunsill johrog €20,000 u jdahhal €140,000, u mhux li l-Kunsill ma johrog xejn u jdahhal €58,000. Il-Kuns C Bonello qal li jekk mas-snin il-pannelli huwa normali li se jbattu, jekk illum qed taghti 100 kilowatts u ghada qed taghti 50, jiġifieri mhux se tibqa' rata fissa. Wara diskussjoni, f'dan l-istadju qed jiġi propost li titiehedl-opinjoni tal-Accountant u jaghtina l-evaluation tal-ahjar ghazla biex tintaghzel. Il-Kuns M Lombardo qal sabiex ikun hemm spazju fejn jinzel l-arblu ta' fuq il-bejt meta jkun hemm bzonn. Is-Sindku ikkonferma li kif diga kien nitkellem u muri se jkun hemm spazzju bizzejjed ghal-manutenzjoni.

**82.11.2** Is-Sindku informa l-kamra dwar il-blata li qed issir fuq il-bejt u li se jinghata l-konkos is-sibt 20 ta' April 2024. Tista' tehel bandiera kbira ukoll, u prezenta l-pjanta biex jarawha l-membri tal-kamra.

## 82.12 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

**82.12.1** Is-Sindku informa l-kamra li jinstab dizappuntat ghall-mod kif qed jimxi l-kuntrattur li qed jaghmel Triq Pitiross, Triq l-Ghasfur tal-Bejt u Triq Summiena, mal-Kunsill, u s-Sindku qed jara li wasal iz-zmien li jinbeda l-process biex johorgu d-defaults. Il-Kuns C Bonello qal li mhux jifhem ghalfejn dan il-kuntrattur m'huwiex jahdem. Is-Sindku wieġeb li rigward xoghlijiet tas-servizzi tal-ilma u dranagg qed jghid l-kuntrattur li qed jikkawzaw dewmien sabiex ikompli t-toroq. Il-Kuns Dott R Ellul spjega li meta wiehed jghaddi katusi ġodda,

apparti li jkunu mahmugin bl-ilma stess, wiehed irid jaghmel komunikazzjoni ġdida ta' din il-katusa, qabel ma' wiehed jordom, jiġi tal-Water Services u jaghmel pressure test. Il-pressure test ma jsirux biex jaraw li l-ilma tajjeb imma biex jaraw jekk ikunx hemm leakages. Jekk mhux se jkun hemm il-pressure kif suppost, irid jerga' jinqala' kollox. Rizultat negattiv tal-pressure test ikun minhabba li jkun hemm xi haġa mhux tajba fil-katusi. Il-Kuns C Bonello qed jipproponi li ssir laqgha b'urgenza mal-istakeholders kollha li qed jidher li qed iżommu b'xi mod il-progett. Il-Kuns Dott R Ellul stqarr li kull awtorita bhal WSC, Go etc jistghu jghaddu s-servizzi waqt li tkun maqlugha t-triq u din hija responsabilta' tal-kuntrattur u l-Kunsill ihallas skond il-htiega u jigi rimbors.Il-Kuns Dott R Ellul qed jghid li qabel ma johorgu d-default notices issir laqgha però`ma jaqbilx li fil-laqgha jkun hemm kulhadd imma ghandu jkun hemm il-kuntrattur u l-perit ghaliex jekk jigi kulhadd ghal-laqgha se jkun hemm ġungla u mhu se jissolva xejn. Waqt il-laqgha tinghata spjega mill-kuntrattur dwar ix-xoghlijiet li saru u li se jsiru, imbaghad wara ssir laqgha mal-istakeholders. Se ssir laqgha mal-Perit nhar il-Gimgha 19 ta April 2024 fil-11:30am.

**82.12.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6765/24/8** 'Sabiex dan il-Kunsill ihallas is-somma ta' €5,349.12 lil WSC sabiex isiru mill-gdid il-bankina ta' Triq is-Summiena' rigward il-Water Services biex ikomplu min-naha taghhom minhabba s-sistema.

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**82.12.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6766/24/8** 'Sabiex dan il-Kunsill ihallas is-somma ta' €51,760.52 lil WSC sabiex isiru mill-gdid il-bankina ta' Triq l-Ghasfur tal-Bejt.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 82.13 TRAFFIC MANAGEMENT

**82.13.1** Il-Kuns C Bonello jghid li wasal iz-zmien li dan il-Kunsill ibiddel il-pozizzjoni tieghu speċjalment fejn ghandu x'jaqsam mat-tower cranes minhabba l-problema ta' kostruzzjoni. Dan minhabba l-inkonvenjent li qed jeffettwa lir-residenti kollha fejn ikun hemm tower crane installat bhal ma hemm fi Triq Sardinella fejn side minnha kollha No Parking minhabba dan l-inkonvenjent. Il-Kuns C Bonello qed jipproponi li ssir mozzjoni kontra t-tower cranes. Il-Kuns Dott R Ellul ma jaqbilx mal-argument li l-Kunsill jidhol fil-kwistjoni li tower crane ma jithalliex jghaddi minn fuq residenzi ta' terzi. Hija r-responsabbilta` ta' terzi li jiftah kaz dwar il-kwistjoni. Il-Kuns C Bonello jghid li l-problema ta'

ingombru fit-toroq hija wahda li qed tiżdied kuljum. Ma' dan qed jiżdiedu wkoll problemi ohrajn ghar-residenti taghna fosthom in-numru ta' parkeġġ. Huwa evidenti li din il-problema qed tigi kkawżata minn numru ta' siti ta' kostruzzjoni u whud minnhom ipoġġu makkinarju fit-triq ghal perjodu twil ta' żmien u jiehdu parkeġġi ghal ġimghat shah b'inkonvenjent enormi ghar-residenti. Ghal dan il-ghan dan il-Kunsill se jiddeċiedi li ma jistax johrog ebda permess ta' makkinarju fiss, fiss jiġifieri bla roti, mhux mobile, fit-toroq, bhal eżempju, tower cranes, u/jew makkinarju iehor li jkun fiss fuq il-post. Makkinarju fiss jista' jitpoġġa biss f'siti privati u mhux pubbliċi u l-Kunsill ghandu jaghti l-assistenza li tippermetti l-Ligi sabiex dan il-makkinarju jiddahhal u johrog mill-post. Sabiex tali makkinarju jiddahal u jinhareg il-permess jinghata biss ghal ġurnata wahda kull darba u mhux iktar peress li dan jinvolvi t-tnehhija enormi ta' karozzi mit-toroq sabiex ikunu jistghu jidhlu t-trakkijiet. Dan huwa possibbli ghax diġà` sar dan il-process fi Triq il-Liedna. Dan t'hawn fuq ghandu jigi infurzat b'sehh immedjat. Iktar minn hekk sa żmien gimgha mil-lum, il-Kunsilliera ghandhom jirċievu l-lista ta' dak il-makkinarju li bhalissa hemm permess fuqu u li qed jiżgombra t-triq. Din l-informazzjoni trid tinkludi wkoll it-triq fejn jinstab il-makkinarju, x'makkinarju hemm fuq il-post, id-data ta' meta hareg il-permess, kif ukoll id-data sa meta huwa validu l-permess. Tali permessi li diġà` hargu ghandhom jigu onorati. Madankollu b'effett immedjat is-Segretarju Ezekuttiv ghandha tinforma lil dawk kollha li ghandhom permessi validi li ġaladarba jiskadi l-permess mhux se jkun hemm estenzjoni tal-permess jew permess ġdid u l-makkinarju jrid jitnehha sal-gurnata li fiha jaghlaq il-permess. Iktar minn hekk, fir-rigward ta' permessi jew xoghlijiet li jkunu jinkludu t-tnehhija ta' karozzi pparkjati, No Parking signs, dawn ghall-ebda raġuni ma jistghu jinhargu ghal perjodu ta' iktar minn 5 ijiem. Jekk applikant jinsisti li jrid permess ta' iktar minn hamest ijiem ta' xoghol, dan irid jaghmel ġustifikazzjoni bil-miktub, jigu ċċirkulati mal-Kunsilliera, u jkollu l-approvazzjoni tal-maggoranza. Dan l-artiklu ma japplikax ghal attivitajiet lokali tal-festa tal-parrocca u ohrajn li jkunu ntizi ghall-komunita` lokali. Ovvjament dan ma japplikax f'kas ta' xita u rih qawwi. L-applikanti ghandhom jinghataw dawn ir-regolamenti mal-permess sabiex ikunu informati dwar il-konsegwenzi f'kas t'abbuz. Il-Kuns Dott R Ellul jghid li filwaqt li jaqbel ma' dan kollu, se tinholoq straġi kbira hafna. Jigbed l-attenzjoni wkoll li jekk crane ma jkunx ipparkjat taht galleriji, mhux ipparkjat quddiem terzi u ghandu liċenzja u insurance valida ghal kull tip ta' kummerċ iehor, jista' jibqa' hemmhekk. Fil-kas ta' xoghol ta' toroq, il-Hy-mac u gaffa jibqghu fuq il-post. Dan jista' johloq stress fuq il-Kunsill u kawżi kontra l-Kunsill, u ma jaqbilx ma' kif inhi miktuba l-mozzjoni. Ma jaqbilx ukoll li jinghata terminu. Dan is-suggett se jkompli jigi diskuss iktar 'il quddiem.

## 82.14 STAFF

**82.14.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 6767/24/8 'Sabiex jinxtara Laptop ghal uzu ta' wahda mill-haddiema ghall-spiza ta' mhux aktar minn €849.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 82.15 MOZZJONIJIET

**82.15.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward

## 82.16 PLANNING AUTHORITY

**82.16.1** Is-Sindku infoma lill-kamra li dwar l-applikazzjoni rigward Triq Hompesh PA 04084/22, il-Kunsill kien ghamel l-oggezzjoni tieghu. Dan il-Kunsill ircieva li kieku saru xi emendi f'din il-pjanta u s-Segretarja Ezekuttiva informat lill-kamra li regghet informat lill-Perit biex iniżżel id-differenzi fil-pjanta halli tkun tista' tghaddihom lill-kamra.

**82.16.2** Is-Sindku informa lill-kamra dwar l-applikazzjoni rigward Triq il-Pluviera. Il-Kunsill kien ghamel l-oggezzjoni tieghu bhal ma kien mitlub. Il-Kuns M Lombardo jghid li apparti li fuq dik l-art ta' Triq ix-Xemx u l-Qamar, Triq il-Merill, ir-Razzett, u dal-gdid issa, bejniethom se jkun hemm madwar 400 appartament iehor. Fi Triq il-Pluviera l-permess qed jghid, apparti li hemm 90 appartament li jfisser 180 karozza ġdida, tnejn ghal kull familja, hemm 14-il hanut ukoll. Il-Kuns C Bonello xtaq jikkjarifika li waqt il-laqgha mal-kuntrattur, il-gnien li qed nghidu hadd ma talabu mill-Kunsill imma kien il-kuntrattur li offrieh. Il-Kuns C Bonello gab ukoll il-local plan fejn il-Kunsill qed joggezzjoni ghal shopping complex, ġibed l-attenzjoni li hemm differenza bejn shopping complex u hwienet. Fuq il-local plan hemm it-town centre immarkat mentri mir-roundabout tal-HSBC 'l isfel huwa secondary commercial centre. Il-Kunsilliera joġġezzjonaw kollettivament u jixtiequ li jkun hemm bilanċ. Il-Kuns C Bonello jghid li trid titressaq il-mozzjoni u tigi diskussa l-mozzjoni. Il-Kuns R Ellul jghid li ghandha ssir mozzjoni miftuha li l-Kunsill qed joggezzjoni ghal dan il-progett mal-Perit tal-Kunsill sabiex jifforma l-objection skont il-Ligi meta tkun tista' ssir.

## 82.17 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

**82.17.1** Is-Sindku stieden lil Vici Sindku jaghmlu l intervent tieghu. Il-Kuns C Bonello jghid li x-xoghlijiet ghaddejjin tajjeb dwar il-preparamenti tal-inawgurazzjoni tal-Way Marker u Vertical Garden. Il-Vici Sindku xtaq jistaqsi dwar il-progress taz-zebgha. Il-Vici Sindku jissuggerixxi li qabel ma jinqalghu l-bankijiet l-anitiki jigu avzati l-media socjali biex jigu evitati l-ilmenti.

Semma ukoll ir-roundabout tal-HSBC fejn saru l-hwat. Fadal xi xoghlijiet fi Triq is-Sur, u li jingabar iz-zebbug fejn qed imiss mat-tinda.

**82.17.2** Il-Vici Sindku ressaq mozzjoni ref: **6768/24/8** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-irhas kwotazzjoni biex tinxtara sigra taz-zebbug (Bonsai) u tigi imhawla hdejn il-way marker fi Triq il-Karmnu.'
Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**82.17.3** Il-Kuns R Deguara jsemmi l-harga li saret illum li kienet ta' suċċess. (Fire engines). Rigward id-Day Centre wasal fl-ahhar fażi. Se jsir ir-Risk Assessment. Id-Day Centre se jibda jopera kull nhar ta' Tlieta bejn it-8am u s-2pm. Se jkun hemm fee ta' €2.33 ghal min jattendi fix-xahar, u €3.50 ghall-koppji. Il-flus jinghataw lill-Active Ageing. Data finali se tkun stabbilita l-gimgha d-diehla pero` li se tkun is-7 ta' Mejju. Bdew jitqassmu l-applications minn din il-gimgha.

**82.17.4** Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref:**6769/24/8** 'Mozzjoni sabiex il-Kunsill Lokali tal-Fgura jalloka s-somma ta' €14,000 sabiex issir l-Edizzjoni tal-Mixeghla f'Hamis ix-Xirka 2025.'

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**82.17.5** Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **6770/24/8** 'Mozzjoni ta' €1,000 sabiex tigi organizzata c-cerimonja tal-prezentazzjoni tal-Malta Records il-Hadd 28 ta' April 2024 fil-11am fi Triq il-Karmelitani.'

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**82.17.6** Il-Kuns M Lombardo fakkar li nhar l-Erbgha hemm il-Festa ghat-Tfal fid-9am l-iskola bil-banda ddoqq fil-quddiesa tat-tfal. Fid-9am tohrog il-banda mill-iskola u rringrazzja lil kull min attenda l-attivita` fil-librerija. Is-Surmast kien kuntent hafna b'din l-attivita`. Din l-attivita` tkompliet illum fejn hadu sehem tlettax-il klassi tal-Kindergarten, u hafna tfal dahlu membri fil-librerija

## 82.18 MISTOQSIJIET

**82.18.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

# KUNSILL LOKALI FGURA

## 82.19 AĠĠORNAMENT

**82.19.1** Il-laqgħa ntemmet fis-20:30hrs.

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgha 15 ta' Mejju, 2024 fis-18:00hrs.

Is-Sur Pierre Dalli
Sindku

Is-Sa Gwenith Calleja
Segretarju Eżekuttiv

Data:17 t'April, 2024